MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Numru. 815/2003

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Clive Micallef

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Clive Micallef ta' 20 sena iben Francis u Rita xebba Pace, imwieled Pieta' fis-6 ta' Mejju 1983 u li joqghod 58, Triq Parades, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita numru 250083M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-1 u 2 ta' Ottubru, 2003 ghal habta ta' 00.30a.m., f'San Pawl il-Bahar, ikommetta serq ta' apparat tal-hi-fi, fosthom stereo ta' l-ghamla Kenwood, amplifier u apparat iehor, li l-valur taghhom jeccedu l-LM100 izda anqas minn LM1,000 minn

gewwa karozza ta’ l-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni MAR-319 ghad-dannu ta’ Joseph Sammut minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta ta’ haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi kkaguna hsara volontarja, jew gharraq hwejjeg ta’ haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmija vettura liema hsara tiskorri l-LM50 izda anqas minn LM500 u dan ghad-dannu ta’ Joseph Sammut.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokunenti esebiti, fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ Ottubru 2003 fejn gie moghti il-kunsens sabiex din il-kawza tinstema’ bi procedura sommarja.

Semghat it-trattazzjoni tad-Difiza u rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirigwarda serq li sar fil-lejl bejn 1 u t-2 ta’ Ottubru, 2003 minn gewwa vettura tal-marka BMW u bin-numru tar-registrazzjoni MAR 319, propjeta’ ta’ Joseph Sammut, liema vettura kienet parkeggjata fi Triq Parades, San Pawl il-Bahar. Minn din il-vettura insterqu l-istereo u l-ispeakers. Il-propjetarju tal-vettura, Joseph Sammut xehed fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2003 fejn qal li huwa kien ipparkeggja l-imsemmija vettura quddiem id-dar tieghu fi Triq Parades ghal habta tal-5.00pm u aktar tard fil-lejl bejn l-1 ut-2 ta’ Ottubru 2003, ghal habta ta’ nofs il-lejl waqt li huwa kien qed jara t-television kien habbatlu xi hadd mal-bieb u meta fetah sab lil habib tieghu certu Matthew Gatt li qallu li kienu serqulu xi haga mill-vettura tieghu. Dan Gatt mill-ewwel qallu li kien ra lill-imputat li seraqlu l-istereo mill-vettura. Dan ix-xhud spjega li Matthew Gatt u hu kienu jafu lill-imputat ghaliex dan kien gar taghhom. Sammut ikompli jghid li meta huwa nizel fit-triq sab il-vettura tieghu bil-bibien miftuhin u kien hemm id-dawra tal-kewba madwar l-istereo miksura u c-central lock li ma kienx qed jiffunzjona sew. Mill-vettura kienu nstequlu l-istereo, il-base box u l-amplifier li huwa jghid li

kien xtara minghand l-imputat stess madwar gimghatejn qabel. Sammut spjega li ma kienx hemm sinjali ta’ sgass fil-vettura izda wara sar jaf li kien jezisti xi metodu fejn jidhlu f’vettura minghajr ma jisgassawha.

Matthew Gatt li wkoll xehed fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru, 2003 qal li fil-lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Ottubru, 2003 huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Parades, San Pawl il-Bahar meta ra lill-imputat jaqsam it-triq minn quddiemu bi speaker kbir fil-kaxxa f’idejh. Huwa ra l-vetttura ta’ Joseph Sammut madwar hmistax-il pied il-boghod minnu u parkeggjata fil-kantuniera u din il-vettura kienet bil-bagoll u l-bieba miftuhin. Gatt jghid li l-imputat rah jaqsam it-triq u jidhol fil-vettura tieghu (u cioe’ tal-imputat) li kienet parkeggjata madwar erbghin pied il-boghod minn fejn kienet parkeggjata il-vettura ta’ Sammut. Gatt jispjega li huwa dak il-hin ma kellimx lill-imputat u ma staqsihx x’kien qed jaghmel u jghid li huwa lill-imputat ma kienx rah ezatt hdejn il-vettura ta’ Sammut. Dan ix-xhud qal ukoll li huwa qatt ma kellu xi jghid mal-imputat u kien jafu ghaliex kien joqghod f’dik it-triq fejn kienet parkeggjata il-vettura ta’ Sammut. Gatt spjega li huwa mar ihabbat il-bieb ta’ Sammut sabiex jinfurmah dwar dak li kien ra u meta Sammut nizel fit-triq inzertaw ghaddejjin il-Pulizija tal-Mobile Squad minn fuq il-post u Sammut waqqafhom u spjegalhom x’kien gara u ftit tal-hin wara gie l-imputat fuq il-post u Sammut tah daqqa ta’ ponn.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda mill-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Ispettur David Saliba (esebita a fol. 17 tal-process) jirrizulta li huwa dejjem innega l-involviment tieghu fis-serqa in kwistjoni. Mill-provi irrizulta wkoll li nonostante li saret tfitxxija fid-dar fejn kien jirrisjedi l-imputat u fil-vettura tieghu l-istereo u l-ispeakers in kwistjoni baqghu ma nsatabux.

Nonostante li l-oggetti msiruqa ma nsatbux fil-pussess tal-imputat il-Qorti xorta wahda jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li kien l-imputat li seraq l-istereo u l-ispeakers mill-vettura ta’ Joseph Sammut fil-lejl bejn l-1 u 2 ta’ Ottubru 2003, Il-Qorti jidrilha li x-xhieda ta’ Matthew Gatt ghandha

titwemmen ghaliex ghalkemm huwa ma rax lill-imputat ezatt hdejn il-vettura ta’ Sammut huwa ra din il-vettura bil-bagoll u l-bieba miftuha u ra lill-imputat jaqsam it-triq bl-istereo u l-ispeakers f’idejh u rah idahhalhom fil-vettura tieghu. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizjia vs Joseph Thorne’, deciza fid-9 ta’ Lulju, 2003 fejn gie stabbilit li l-Qorti tista’ tistrieh fuq xhieda ta’ persuna wahda biss jekk temmen il-verzjoni taghha. F’dan il-kaz, il-Qorti qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Matthew Gatt.

In kwantu jirrigwarda it-tieni akkuza ma jistghax jinghad li din giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali ghaliex Gatt ma qalx li ra lill-imputat jaghmel hsara fil-vettura ta’ Sammut u inoltre ma giet prodotta ebda stima jew ricevuta rigwardanti l-allegati hsarat kagunati fil-vettura ta’ Sammut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda mhux hati tat-tieni akkuza mill-liema huwa qed jigi liberat.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penalli netta ta’ l-imputat u l-eta’ zghira tieghu meta huwa kkommetta ir-reat in dizamina u jidrilha li l-piena karcerarja effettiva mhux idoneja fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, u 278 tal-Kap. 9 tal-Ligiijiet ta’ Malta il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, tiddikjarah mhux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ta’ tmien xhur (8) sospiza ghal sentejn (2) millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabilita’ tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------